MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 13/1997/1

Rikors Nru: 13/97

Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Dolores Laus mahtura b'digriet tal-15 ta' April, 1994 kuratur deputat biex tirrapprezenta sidien mhux maghrufa jew incerti

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta' l-Art ipprezentat fis-6 ta' Awissu, 1997 fejn espona:

Illi b'ittra ufficjali tat-22 ta' Frar, 1994 l-intimata giet notifikata b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra giet iddikjarata li l-fond Nru 3, Sqaq 2, Triq il-Laqxija, B'Kara u l-fond Nru 45, Triq il-Laqxija, B'Kara huma mehtiega ghall-Skopijiet Pubblici Kap. 88.

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ghall-Ftehim fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas b'titolu ta' Dominju Pubbliku tal-fondi hawn fuq imsemmija huwa ta' seba' Liri Maltin (Lm7.00) fis-sena u seba' Liri u hamsa u tletin centezmu (Lm7.35) fis-sena rispettivament.

Illi l-intimata naqset li tirrispondi ghall-Avviz ghall-Ftehim fi zmien li trid il-Ligi u ghalhekk titqies li taccetta l-kumpens ghall-fondi ta' (Lm7.00) seba' Liri Maltin fis-sena ghall-fond Nru, 3, Sqaq 2, Triq il-Laqxija, B'Kara u ta' seba' liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm7.35) fis-sena tal-fond 45, Triq il-Laqxija, B'Kara.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' Dominju Pubbliku tal-fondi fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv,  kif gia accettat, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra li l-intimata ma wegbitx ghall-Avviz ghall-Ftehim minkejja li giet notifikata bl-atti kollha.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tal-11 ta' Ottubru, 2004.

Ra li l-kumpens li l-awtorita' kompeteni hija lesta biex thallas ghal dominju pubbliku tal-fondi numru 3, Sqaq 2, Triq il-Laqxija, B'Kara u 45, Triq il-Laqxija, B'Kara li huma mehtiega ghall-ghanijiet pubblici huwa ta' seba' liri Maltin fis-sena u seba' liri Maltin u hamsa u tletin centezmu fis-sena rispettivament.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimata tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' dominju pubbliku l-fondi numru 3, Sqaq 2, Triq il-Laqxija, B'Kara u 45, Triq il-Laqxija, B'Kara bil-kumpens ta' seba' liri Maltin fis-sena (Lm7.00) u seba' liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm7.35) fis-sena rispettivament

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmel minnfloku biex jippubblika l-att fl-20 ta' Dicembru, 2004 fid-9:00a.m. u lill-Avukat Dottor Ludvic Caruana biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

Spejjez ta' din il-procedura u tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt jithallsu mir-rkorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------